Fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, il-proċeduri u l-proċedimenti pendenti mibdija fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se jkomplu skont il-liġi tal-UE. Il-Portal tal-e-Ġustizzja, abbażi tal-ftehim reċiproku mar-Renju Unit, se jżomm l-informazzjoni rilevanti marbuta mar-Renju Unit sa tmiem l-2024.

Obbligi ta' manteniment

L-Ingilterra u Wales

Artikolu 71 1. (a) – Qrati għall-applikazzjoni għal dikarazzjoni ta' eżekutorjetà u qrati tal-appell kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet

Il-Qorti tal-Familja (Family Court) wara trażmissjoni mit-Taqsima REMO fl-indirizz li ġej:

The Reciprocal Enforcement of Maintenance Orders Unit (REMO)
Victory House
30–34 Kingsway
London
WC2B 6EX
Tel.: 020 3681 2757 (mir-Renju Unit biss)
+ 44 (0)20 3681 2757 (barra mir-Renju Unit)
Faks: 020 3681 8764
posta elettronika: remo@offsol.gsi.gov.uk

Artikolu 71 1. (b) – Proċedura ta' rimedju

Il-proċedura għall-kontestazzjoni ta' deċiżjonijiet li ngħataw fl-appell hija:
Hemm appell wieħed ulterjuri fuq punt ta' dritt, lil qorti li tkun f'livell ogħla mill-qorti li tkun semgħet l-ewwel appell.

Artikolu 71 1. (c) - Proċedura ta' reviżjoni

L-Artikolu 19 ma japplikax għar-Renju Unit peress li r-Renju Unit mhux marbut mill-Protokoll tal-Aja tal-2007.

Artikolu 71 1. (d) - Awtoritajiet Ċentrali

Il-Lord Chancellor se jkun l-Awtorità Ċentrali u se jkun responsabbli għall-politika b'mod ġenerali, iżda l-funzjonijiet amministrattivi tal-Awtorità Ċentrali se jitwettqu minn:

The Reciprocal Enforcement of Maintenance Orders Unit (REMO)
Victory House
30–34 Kingsway
London
WC2B 6EX
Tel.: 020 3681 2757 (mir-Renju Unit biss)
+ 44 (0)20 3681 2757 (barra mir-Renju Unit)
Faks: 020 3681 8764
Posta elettronika: remo@offsol.gsi.gov.uk

Artikolu 71 1. (f) – Awtoritajiet kompetenti għall-eżekuzzjoni

Il-Qorti tal-Familja (Family Court) wara trażmissjoni mit-Taqsima REMO fl-indirizz li ġej:

The Reciprocal Enforcement of Maintenance Orders Unit (REMO)
Victory House
30–34 Kingsway
London
WC2B 6EX
Tel.: 020 3681 2757 (mir-Renju Unit biss)
+ 44 (0)20 3681 2757 (barra mir-Renju Unit)
Faks: 020 3681 8764
posta elettronika: remo@offsol.gsi.gov.uk

Artikolu 71 1. (g) - Lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet ta' dokumenti

Il-lingwa aċċettata għat-traduzzjoni tad-dokumenti msemmija fl-Artikoli 20, 28 u 40 fil-ġurisdizzjonijiet kollha tar-Renju Unit hija l-Ingliż.

Artikolu 71 1. (h) - Lingwi aċċettati mill-Awtoritajiet Ċentrali għall-komunikazzjoni ma' Awtoritajiet Ċentrali oħra

Il-lingwa aċċettata għall-komunikazzjoni ma' Awtoritajiet Ċentrali oħrajn fil-ġurisdizzjonijiet kollha tar-Renju Unit hija l-Ingliż.

L-aħħar aġġornament: 02/09/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.